**Kunsill Lokali**
**ĦAL KIRKOP**

# Rapport Amministrattiv 2013

*imħejji minn Antonia Desira Demicoli,* ***Deputat Segretarju Eżekuttiv***

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar.

Din il-leġislatura bdiet f'April 2012 u għaldaqstant is-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop tilħaq it-terminu tagħha, fl-aħħar ta' April, 2015. Il-Kunsill ta' Ħal Kirkop matul din is-sena kien kompost kif jidher fit-tabella hawn taħt.




F'Lulju 2013, il-Kunsill kellu r-riżenja tas-Sur Joseph Carbone. Il-post vakanti tiegħu imtela' mis-Sinjura Jennifer Tabone, f'Awwissu, 2013.

Matul is-sena 2013, rajna wkoll il-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, li kienet inizjattiva nazzjonali f'għeluq l-20 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. L-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ huwa Gabriel Cassar.

Matul is-sena 2013, il-Kunsill iltaqa' 20 darba fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet pjuttost tajba u regolari.

L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2013 tidher fit-tabella hawn taħt.

## Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill

### Laqgħat tal-Kunsill bejn Jannar u Lulju

| Laqgħat Nru 12 -23 | Carmel Calleja | Antoinette Cefai | Stephen Mizzi | Joseph Schembri | Joseph Carbone |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 12/12 | 11/12 | 12/12 | 12/12 | 6/12 |

### Laqgħat tal-Kunsill bejn Awwissu u Diċembru

| Laqgħat Nru 24 -31 | Carmel Calleja | Antoinette Cefai | Stephen Mizzi | Joseph Schembri | Jennifer Tabone |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 7/8 | 8/8 | 8/8 | 8/8 | 8/8 |

- Is-Sindku kien skużat minn laqgħa waħda peress li kellu jattendi għall-ħatra tal-Ambaxxatur.
- Il-Kunsillier Cefai kienet skużata minn laqgħa b'urġenza.
- Il-Kunsillier Carbone kien skużat minn sitt laqgħat, tlieta minnhom kienu laqgħat b'urġenza.

Tul is-sena 2013, il-Kunsill kellu tlett impjegati, li kienu Aġent Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani. Minn Ottubru 2013 il-Kunsill ħadem b'Deputat Segretarju Eżekuttiv u skrivana waħda.

Il-Kunsill kellu wkoll l-għajnuna minn tlett impjegati tal-IPSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita'. Il-Kunsill għandu wkoll l-għajnuna ta' persuna li qiegħda fuq l-iskema Xogħol fil-Kommunita' mnhedija mill-ETC. Dan jgħin fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Id-dħul mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2013 kienet ta' €215,752. Kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €18,226, li jġib id-dħul għas-sena 2013 b'total ta' €233,978. In-nefqa għas-sena 2013 kienet tammonta għal €291,950. Dawn il-figuri huma mogħtija qabel ma' l-kotba tal-Kunsill ġew awditjati u għaldaqstant jista' jkun hemm xi tibdil. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed jista' jara l-*Audited Financial Statements* li jidhru ukoll fuq is-sit www.lc.gov.mt.

**Rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2013**

Matul l-2013 il-Kunsill ħadem qatigħ biex fil-bidu tas-sena 2014 inawgura s-servizz tas-Sigurta' Soċjali, fejn ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew mill-Uffiċċju tal-Kunsill, nhar ta' Erbgħa, kull ħmistax.

Il-Kunsill ħadem ukoll b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat tal-Anzjani, biex iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jibda jinfetaħ fuq jumejn minflok nhar ta' Tnejn biss. Infatti minn Jannar tas-sena 2014, iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum beda jinfetaħ u jilqa' l-anzjani Koppin kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ħamis.

Saru diversi taħdidiet mal-Ministru tat-Trasport biex meta jidħlu fis-seħħ ir-rotot il-ġodda tal-karozzi tal-linja, Ħal Kirkop ikun moqdi aħjar.

Apparti hekk il-Kunsill kompla jaħdem u jirsisti biex Transport Malta waħħlet tlett Bus Shelters ġodda f'Ħal Kirkop. Tajjeb li wieħed isemmi li suppost kellhom jeħlu ħamsa u għaldaqstant il-Kunsill għadu għaddej bid-diskussjonijiet biex jitwaħħlu t-tnejn l-oħra. Il-Kunsill qed jistenna approvazzjoni tat-rotot biex il-bus shelters li jonqos jeħlu jitwaħħlu sewwa mill-ewwel.

Wara diversi diskussjonijet li saru mar-Reġjun Nofsinhar, il-Kunsill ser ikollu diversi siegħat allokati għal ECO Wardens. Dawn il-gwardjani lokali ser ikunu qed jaraw lil min jabbuża u jħammeġ dan ir-raħal. Hemm diversi abbużi, bħal min joħroġ l-iskart meta mhux suppost, jew wara li jgħaddi l-kollettur u oħrajn li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma

jiġbrux il-ħmieġ tiegħu. Dan anke wara li l-Kunsill għamel l-ispejjeż biex waħħal bins apposta għall-ħmieġ tal-klieb mad-dawra tar-raħal. Apparti hekk, il-Kunsill kull xahar iħallas eluf ta' Ewro biex iżomm ir-raħal nadif, biss jekk persuni irresponsabbli ma jimxux mar-regoli, xorta waħda nispiċċaw b'kullimkien miżbla.

Fir-rigward ta' riċiklaġġ, il-Kunsill mis-sena 2013 daħal f'kuntratt ġdid mal-kumpanija Green Pak. Ħal Kirkop qiegħed fit-tielet post mill-aktar lokalitajiet li jirriċiklaw.

Il-Kunsill lesta wkoll sistema ta' *Online Live Streaming* għal-laqgħat tal-Kunsill. L-ewwel laqgħa li ser tkun qed tiġi trasmessa *Online* ser issir nhar l-Erbgħa, 16 ta' April, 2014 fil-5 ta' filgħaxija.

Għar-raba' sena konsekuttiva, f'Mejju 2013 il-Kunsill organizza l-Irkottafest li għal sena oħra kienet success. Kienu bosta dawk li attendew għal din l-attivita' li kienet mifruxa fuq ġurnata sħiħa, b'attivitajiet differenti għall-gosti ta' kulħadd.

Sar ukoll xogħol ta' rranġar ta' ħitan fi Sqaq ir-Ramlija, biex dan seta' jitwessa biex il-bdiewa jkunu jistgħu jidħlu bil-makkinarju tagħhom biex jaħdmu l-uċuh tar-raba. Il-Kunsill qed jaħdem ukoll biex permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea jagħti wiċċ ġdid lill-parti l-oħra ta' Sqaq ir-Ramlija.

Fir-rigward tat-toroq li kienu saru taħt l-iskema tal-PPP, il-Kunsill irnexxielu jilħaq ftehim mal-Gvern biex jingħata d-differenza li kien jonqos tingħata meta sar dan ix-xogħol. B'dawn il-flus il-Kunsill ser ikun jista' jħallas lill-kuntrattur tat-tarmak.

Minħabba proġetti mibdija f'leġislaturi preċedenti u li fuqhom kien hem xi penali il-Kunsill kellu joqgħod ħafna attent fuq in-nefqa tiegħu u għaldaqstant b'għaqal kbir irnexxielu jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aħjar mod possibbli.

Ix-xogħol fuq Pjazza Żernieq ukoll wasal biex jintemm u l-Kunsill qed jiddiskuti wkoll biex apparti l-proġett issir it-triq ta' mad-dawra bit-tarmak. Dan huwa xogħol Ii jrid isir minn Transport Malta.

Ix-xogħol fuq il-katakombi wkoll wasal fi stadju avvanzat ħafna u l-Kunsill qed jistenna l-applikazzjonijiet għall-provvista' tal-elettriku.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl, matul is-sena jinbidlu wkoll ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha.

**Komunikazzjoni mar-residenti**

Matul is-sena inżammet ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' li għaliha setgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti.

Minħabba limitazzjonijiet finanzjarji, u kif ukoll nuqqas ta' riżorsi umani, il-Kunsill ma jippublikax *newsletter*. Biss il-Kunsill iqassam informazzjoni utli fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu.

**Pjanijiet għall-futur**

Il-Kunsill qed jaħdem qatigħ biex flimkien mal-Ministeru tas-Saħħa u mad-Dipartiment tal-Kura Primarja tkun tista' tinfetaħ klinika żgħira f'Ħal Kirkop fejn ir-residenti jkunu jistgħu jinqdew għal ħafna bżonnijiet mingħajr il-ħtieġa li jmorru fil-Poliklinika tal-Furjana u l-Isptar Mater Dei.

Il-Kunsill qed jaħdem ukoll biex isib biċċa art fejn tista' tinbena latrina pubblika, li tkun fiċ-Ċentru ta' Ħal Kirkop.

Il-Kunsill għaddej ukoll f'taħdidiet mal-Ministeru tat-Turiżmu fuq idejat ġodda kif nistgħu nattiraw it-turisti lejn Ħal Kirkop.

Il-Kunsill għaddej ukoll f'taħdidiet mal-Ministeru tat-Turiżmu biex wieħed jistabillixi idejat ġodda kif nistgħu nattiraw it-turisti lejn Ħal Kirkop.

*Marzu, 2014*